Kunsill Lokali Paola

*Ref*: 04/7/194/14

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 4**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar Tlieta 4 ta’ Awissu 2015. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, l-Kunsillier Nicholas Seychell, Kunsillier Tyrone Muscat u l-Kunsillier Ivan Bartolo.

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri.

Il-Viċi Sindku Steven Axisa u l-Kunsillier Roderick Spiteri skużati.

1. **Minuti**

1.1. Il-Minuti ġew approvati *nem com.*

1.2. Dwar punt nr. 6 is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi x-xogħol marbut mal-kaxxa tal-parkeġġ għall-ambulanza sargħet, issa jonqos li tasal ukoll l-ambulanza min-naħa tad-Dipartiment tas-Saħħa.

1.3. Dwar punt nr.5 is-Segretarju informa lil membri illi kif deċiż fil-laqgħa huwa kien waqqaf it-tender tal-Bankini li kien f’idejn Polidano Brothers u ġibed ukoll il-*performance guarantee* minħabba in-nuqqas ta’ servizz li l-Kunsill irċieva mingħand il-Kuntrattur kif permissibbli mid-dokument tat-tender. Is-Sindku ippropona li dawn il-fondi jintużaw għall-proġett tal-bandli il-ġdid li ser isir fil-pjazza ta’ St. Antnin sabiex isir fence li jagħmel il-post aktar sigur u kif rikjest ukoll mill-awtoritajiet konċernati. Is-sindku fakkar li dan il-proġett tal-bandli kien qed jiġi sponsorjat mill-Latina Pictures wara l-ħsara li sargħet fil-bandli waqt il-ġbid tal-film 13 hours. Infatti is-Segretarju qal li ser issir plakka li turi dan. Dan il-bandli ser jiġi inawgurat fit-13 ta’ Settembru. Il-membri qablu.

2. **Korrispondenza**

2.1. Ittra mingħand l-Awtorità tad-djar li qed tinforma l-Kunsill Lokali Paola li ser jibda ix-xogħol f'dawk il-blokok li laħqu amministratur fil-komun rispettiv tagħhom. L-ittra kienet tgħid ukoll illi l-Ħamis 6 ta' Awissu ser jiġu iffirmati l-kuntratti dwar il-blokok rispettivi.

3. **Jum Paola 2015**

3.1. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li xtaq iressaq ftit ħsibijiet dwar il-kontenut ta' Jum Paola sabiex umbagħad isir programm adattat u komplut flimkien mal-Kunsillier responsabbli Bernard Lynch. Is-Segretarju fakkar li kif maqbul fl-aħħar laqgħa, Jum Poala 2015 ser isir fit-13 ta' Settembru fil-Pjazza ta' St. Antnin fejn ser jiġi wkoll inawgurat bandli ġdid kif ukoll isir quddiesa ta' radd il-ħajr. Il-membri qablu li l-quddies issir fuq barra kif ukoll li nistiednu l-van tad-demm. Il-membri approvaw l-ammont ta' €3,500 sabiex imur għal din l-attività kif innotat fil-Memo 8/2011 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

3.2. Is-segretarju Eżekuttiv qal ukoll li ser jintbagħtu ittri lil għaqdiet tal-lokal u anke issir nota fuq facebook sabiex jintbagħtu in-nominazzjonijiet uffiċjali għall-Ġieħ Paola 2015. Is-Segretarju fakkar li kif maqbul fl-aħħar laqgħa dawn in-nominazzjonijiet jiġu diskussi f'kumitat apposta mexxi mill-Kunsillier responsabbli.

4. **Twaqqif tal-Kumitat Attivitajiet, Kultura u Arti**

4.1. Is-Sindku Dominic Grima qal illi kif semma fl-aħħar laqgħa f'din il-laqgħa qed jippreżenta l-persuni li aċċettaw li jkunu parti minn dan il-kumitat. Lista annessa. Il-membri approvaw.

5. **Twaqqif tal-Kumitat Anzjani u Persuni b'diżabilità**

5.1. Is-Sindku Dominic Grima qal illi kif semma fl-aħħar laqgħa f'din il-laqgħa qed jippreżenta l-persuni li aċċettaw li jkunu parti min dan il-kumitat. Lista annessa. Il-membri approvaw.

## 6. Stat tat-toroq fil-lokalita

6.1. Il-Kunsillier Ivan Bartolo irrimarka illi hemm bżonn isir xi ħaġa sabiex l-istat tat-toroq jitjieb speċjalment irrimarka għal Triq Lampuka, Triq il-Ġdida u lejn il-mużew tal-bniet speċjalment wara li ċertu persuni anke weġġaw f'dawn it-toroq. Huwa saħaq li hemm bżonn issir laqgħa ma' l-Onorevoli Joe Mizzi, Ministru reponsabbli dwar dan. Is-Sindku qal illi wara l-pressjoni li sargħet mill-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta, it-toroq imsemmija daħlu fil-pjanijiet marbuta mal-proġett ta' Wied Blandun sabiex dawn isiru mill-istess Kunsill. Il-Kunsillier Bartolo esiġa li issir pressjoni mal-Ministri responsabbli sabiex isiru dawn it-toroq.

6.2. Is-Sindku qal illi fix-xhur li ġejjin ser ikun qed jaħdem fuq pjan ta' ħidma għas-snin li ġejjin li jista' jinkludi fih numru toroq sabiex umbagħad jiġi diskuss fil-Kunsill.

6.3. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar ukoll illi l-Kunsill Lokali Paola għandu approvat il-proġett ta' Triq Melita li mistenni jibda fix-xhur li ġejjin.

## 7. Ħarsien ta' l-annimali

7.1. Il-Kunsillier Tyrone Muscat qal li irċieva numru ta' telefonati fejn qed jakkużaw lil Kunsill Lokali Paola li neħħa kmamar tal-qtates. Il-Kunsillier Seychell qal illi huwa neħħa dawn il-kmamar bħala Kunsillier responsabbli mit-tindif ġenerali għax dawn il-kmamar kienu qed jikkawżaw ħmieġ kif ukoll inkonvenjent għar-residenti tal-madwar. Apparti min hekk uħud mir-residenti kienu qed iħallu l-ikel hemm għall-qtates. Infatti l-Kunsillier Seychell ikkonferma wkoll mal-Animal Welfare u informawh li meta xi ħadd jitma l-qtates irid inaddaf warajh u ma jħalli l-ebda kontenitur warajh. Il-membri qablu li huma ma jsibu ebda oġġezzjoni għal min jitma l-qtates sakemm dan iħalli nadif warajh.

7.2. Il-Kunsillier Muscat kompla billi qal li qed ikollu suġġerimenti mir-residenti sabiex il-Kunsill Lokali jidentifika post sabiex dawn il-qtates strej jinġabru fih jew inkella forsi jitwaqqaf *petting farm* fil-lokalita. Il-Kunsillier Muscat talab li jiltaqa' mal-Onorevoli Galdes biex ikellmu dwar dan. Il-membri approvaw.

KUNSILL LOKALI PAOLA

## 8. Komunikazzjoni mis-Sindku

8.1. Wara li ġie avviċinat minn xi residenti is-Sindku Dominic Grima xtaq jistaqsi lil Kunsillier Ivan Bartolo x'ried ifisser meta fix-xandir qal li r-residenti Pawlisti jibżgħu jiġu l-Kunsill Lokali. Is-Sindku talbu jiċċara dan il-fatt għax dan seta' jfisser li l-Kunsill Lokali Paola mhux jaqdi lir-residenti u li l-istaff mhux jaqdi dmirijietu b'mod ġust. Il-Kunsillier Ivan Bartolo iċċara li huwa ried ifisser li uħud mir-residenti anzjani għad għandom f'moħħhom iż-żminijiet koroh tal-politika tas-snin antiki u għalhekk jiddejqu jersqu lejn il-Kunsill Lokali minħabba l-fatt li huwa imexxi minn Kunsill Lokali li għandu maġġoranza ta' partit politiku. Dan intqal bla ebda disprezz lejn il-membri ta' l-istaff tal-Kunsill Lokali Paola.

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li dawk li jiddejqu jkellmu lil Kunsilliera minħabba l-isfond politiku tagħhom dejjem jistgħu jkellmu lilu bħala impjegat tal-Gvern.

## 9. Skeda tal-Pagamenti

9.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 2 għas-somma ta' €70,060.64

## 10. Aġġornament

10.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-6:45pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015.

| | |
|---|---|
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |